# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 22 t'Ottubru 2001**

**Appell Nru. 156/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Miriam Sant**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Miriam Sant talli (**1**) fil-Marsa, nhar l-24 ta' Novembru, 1999, ghall-habta tad-9.20 p.m. u ghall-habta tad-9.45 p.m., f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet immorali, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 63; (**2**) u aktar talli b'hekk saret recidiva b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 26 ta' Jannar, 1998 u sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Lulju, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Miriam Sant hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannatha xaharejn prigunerija;

Rat ir-rkors ta' appell ta' l-istess Miriam Sant, minnha ppresentat fis-7 ta' Awissu, 2001, li permezz tieghu talbet ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2001; ikkunsidrat:

Din il-Qorti ser tillibera lill-appellanti ghall-raguni wahda u semplici. Il-provi li ingiebu mill-prosekuzzjoni <u>quddem din il-Qorti</u> (cioe` quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – ix-xhieda kellhom jergghu jinstemghu peress illi, kif solitament isir fil-kawzi sommarji ossia "tad-distrett", id-deposizzjonijiet taghhom ma kienux gew traskritti quddiem l-ewwel qorti) tonqos il-prova skond il-ligi li l-appellanti <u>tlajjat</u> ("loitered", fit-test Ingliz) <u>jew ghamlet biex thajjar</u> ("solicited") ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. L-Ispettur Louise Vella, WPS 24 Josephine Gauci u WPC 64 Connie Cauchi

ilkoll xehedu dwar dak li kien qalilhom haddiehor – George Chircop u George Polidano – fuq il-mod kif l-appellanti stiednet lil dawn it-tnejn sabiex imorru maghha ghal skop ta' prostituzzjoni. Ix-xiehda ta' dawn it-tlett ufficjali tal-pulizija hija, ghalhekk, "xhieha fuq kliem haddiehor" ("hearsay evidence") fis-sens ta' l-Artikolu 598 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, rez applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tiehu qies taghha. George Chircop ma jirrizultax li qatt xehed quddiem il-Qorti Inferjuri; mentri George Polidano meta ssejjah fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2001, ma deherx, izda mir-riferta ezibita jidher li dana ma giex regolarment notifikat mill-pulizija peress li t-tahrika la inghatat lix-xhud u anqas ma thalliet "fid-dar fejn soltu jkun joqghod" kif trid il-ligi. Fil-kaz ta' dan Polidano it-tahrika thalliet ma huh u f'lokal pubbliku, il-Power Bar. Galadarba l-prosekuzzjoni naqset milli taghmel id-dover taghha li tharrek lil xi hadd bhala xhud skond il-ligi, din il-Qorti, fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2001, ordnat il-prosegwiment tas-smigh ta' l-appell. Wara li xehdet WPC Cauchi, id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum. Kif inghad, ghalhekk, tonqos il-prova skond il-ligi tat-tlajjar u tas-"soliciting", u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' l-appell u tillibera lill-appellanti.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti Miriam Sant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur